Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 479 NOVEMBRU 2016

## JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI – IT-TLIETA 1 TA' NOVEMBRU 2016

**Jum il-Qdusija Universali jiġi ċċelebrat ta' kull sena mill-Moviment "Pro Sanctitate"**

It-Tema: **FID-DEŻERT TINBET IT-TAMA**

Il-fidi u t-tama huma il-vjaġġ li rridu nagħmlu flimkien biex nikbru flimkien. Id-deżert mhux post li jċaħħdek minn xi ħaġa jew li ma jagħtik xejn, imma huwa post fejn wieħed jinża' minn dak li huwa żejjed, jew proviżorju, jew li jservi għal ftit żmien, u jiltaqa' mal-verità u mar-realtà tiegħu nnifsu u mar-realtà ta' Alla u tal-aħwa.

Aħna msejħa biex inkunu ġarar mimlija biex nisqu lil min hu bil-għatx. Xi drabi l-ġarra tinbidel f'salib tqil, imma minn fuq is-salib Gesù ngħata għalina bħala għajn ta' ilma ħaj. Ma nħallux min jisirqilna t-tama.

Kieku kellna l-kuraġġ tas-salib, u lkapaċi nissagrifikaw ftit iċ-ċertezzi tagħna, kieku nifhmu aħjar il-missjoni tagħna u nkunu xandara tal-ħniena ta' Alla.

## INFAKKRU L-150 SENA MIT-TWAQQIF TAS-SEMINARJU TA' GĦAWDEX 1866 – 4 TA' NOVEMBRU – 2016

Il-bidu tas-Seminarju ta' Għawdex hu marbut mat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Nhar is-16 ta' Settembru, 1864, il-Papa Piju IX permezz tal-Bolla *Singulari Amore*, għoġbu jwaqqaf il-Knisja ta' Għawdex. Fl-istess dokument, il-Papa jawgura li f'qasir żmien id-Djoċesi l-ġdida jkollha s-Seminarju tagħha.

Jum il-Fundazzjoni tas-Seminarju jaħbat fl-4 ta' Novembru. Kien nhar l-4 ta' Novembru 1866, li l-Isqof Pawlu Micallef, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, inawgura uffiċjalment is-Seminarju. Fuq il-bieb ewlieni tqiegħdu tliet armi: tal-Papa Piju IX fin-nofs, tal-Isqof Vincenzo Labini fuq ix-xellug tagħha, u ta' l-Isqof Mikiel Buttigieg fuq il-lemin. Issejjaħ uffiċjalment is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù nhar l-24 ta' Ġunju 1881.

L-Iskola Sekondarja tas-Seminarju, l-ewwel skola sekondarja f'Għawdex fil-veru sens tal-kelma, laqgħet fiha tul iż-żmien l-aħjar studenti tal-gżira. Fil-fatt studenti tas-Seminarju laħqu l-ogħla postijiet tan-Nazzjon Malti u tal-Knisja Maltija: tliet Isqfijiet mit-tmienja ta' Għawdex, żewġ Arċisqfijiet, tliet Presidenti, Prim Ministru, tliet Prim Imħallfin, Ministri u ħafna oħrajn.

Il-Ġimgħa 4 ta' Novembru, Mons. Isqof se jmexxi quddiesa solenni ta' radd il-ħajr biex jitfakkar dan il-jum. Il-quddiesa ssir fil-Knisja Katidrali, fl-10.00am.

## ĊELEBRAZZJONIJIET DJOĊESANI TA' KRISTU RE (Għeluq tal-Gublew Straordinarju tal-Ħniena)

Għat-**tfal tad-duttrina** (mill-Year 5 sal-Form 1): Il-Ħamis, 17 ta' Novembru (Parroċċa ta' Sannat – 5.00pm).

Għall-**Adolexxenti u ż-Żagħagħ**: Il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru (Katidral – 7.30pm).

**Programm Djoċesan:**

Il-Ħamis 17 ta' Novembru: Adorazzjoni u Eżami tal-Kuxjenza (Parroċċi u knejjes)

Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru: Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Maħfra u r-Rikonċiljazzjoni (Parroċċi u knejjes)

Is-Sibt 19 ta' Novembru: Lejl Adorazzjoni u Servizz ta' Qrar il-lejl kollu (Knisja Madonna tal-Grazzja, Kunvent tal-Kapuċċini)

Il-Ħadd 20 ta' Novembru: Ċelebrazzjoni djoċesana bit-tema: "Il-ħniena tiegħu min-nisel għal nisel", b'riflessjoni fuq il-Ħniena u l-Opri tal-karità (Triq Patri Ġaċintu Camenzuli, Victoria – quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini – 4.00pm)

### JAGĦLAQ IL-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA

Bis-Solennità ta' Kristu Sultan, tagħlaq is-Sena tal-Ħniena. Il-Ħadd filgħaxija, 20 ta' Novembru, jkollna ċelebrazzjoni djoċesana quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini.

Il-bibien tal-Knejjes Ġubilari se jagħlqu l-Ħadd 13 ta' Novembru.

### JUM IL-KARITÀ

Fis-Solennità ta' Kristu Re jinżamm Jum il-Karità fid-Djoċesi tagħna. Il-ġbir fil-quddies imur għall-opri ta' karità li tmexxi d-Djoċesi tagħna permezz tal-Caritas. Inkunu ġenerużi.

### ANNIVERSARJU TAL-ĦATRA TAL-ISQOF MARIO GRECH

Is-Sibt is-26 ta' Novembru 2016 jaħbat il-11 anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech. Nitolbu għalih.

NOVEMBRU 2016

# KALENDARJU PASTORALI

Numru 479

| | |
|---|---|
| 1. It-Tlieta | Solennità tal-Qaddisin kollha. Sena Ċ. Jum il-Qdusija Universali.<br>Bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, min b'devozzjoni jżur iċ-ċimiterju jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Tintrebaħ dik parzjali jekk iż-żjara ssir fil-ġranet l-oħra / Films għall-Familja (Oratorju – 5.30pm). |
| 2. L-Erbgħa | L-Għid tal-Imwiet. Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha. |
| 3. Il-Ħamis | San Martin de Porres. Reliġjuż. Tifkira / Kulleġġ tal-Kappillani / Assemblea tat-Tfal mill-Azzjoni Kattolika (Kappella ta' Lourdes, Għajnsielem) / Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet (Seminarju: 6.30am-8.00pm). |
| 4. Il-Ġimgħa | San Karl Borromeo Isqof. Tifkira (O) / L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi / Quddiesa għall-professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.00pm).Qabel ikun hemm il-qrar.<br>Il-150 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù / Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-150 Sena mit-Twaqqif tas-Seminarju u Tifkira tas-Saċerdoti Mejtin mseħbin fil-Kongregazzjoni ta' San Filippu Neri (Katidral - 10am).<br>Laqgħa għall-Persuni separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 8.30pm) / Kors ta' Formazzjoni dwar il-vera Devozzjoni ta' Marija (Post tal-Leġjun Victoria - 5.00pm). |
| 5. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl. |
| 6. Il-Ħadd | It-32 Ħadd tas-Sena Ċ / Films għall-Familja (Oratorju - 5.30pm). |
| 6-11 | Irtir għas-saċerdoti f'Dar Manresa, Victoria. |
| 8. It-Tlieta | AKSK (LV). |
| 9. L-Erbgħa | Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran. Festa. |
| 10. Il-Ħamis | San Ljun il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O) / Laqgħa Għalliema Yr.4. (LV) / Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 11. Il-Ġimgħa | San Martin ta' Tours, Isqof. Tifkira (O).<br>Kors ta' Formazzjoni dwar il-vera Devozzjoni ta' Marija (Post tal-Leġjun Victoria - 5.00pm). |
| 12. Is-Sibt | San Ġosofat, Isqof u Martri. Tifkira (O) / Jum Irtir tal-Azzjoni Kattolika (Manresa).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewk. fil-Knisja ta' Savina , Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl. |
| 13. Il-Ħadd | It-33 Ħadd tas-sena. Sena Ċ / Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali mill-membri tal-Azzjoni Katolika.<br>Għeluq tal-Bibien Ġubilari tal-Ħniena (Katidral, Santwarju Ta' Pinu, Kunċizzjoni Qala). |
| 14. It-Tnejn | Jum Dinji tad-Dijabete (ĠM). |
| 15. It-Tlieta | San Albertu l-Kbir, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira / Laqgħa Complimentary Teachers (LV). |
| 16. L-Erbgħa | Santa Ġertrude,Verġni. Tifkira.<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| 17. Il-Ħamis | Santa Eliżabetta tal-Ungerija.Tifkira (O) / Laqgħa għall-Għalliema Yr 5 (LV).<br>Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għat-tfal tad-Duttrina (Year 5 - Form 1) (Ta' Sannat - 5.00pm). |
| 18. Il-Ġimgħa | Id-Dedikazzjoni tal-Bażilki ta' San Pietru u San Pawl Appostli. Tifkira.<br>Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ (Katidral – 7.30pm).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 8.00pm). |
| 19. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria - Quddies: 8.00pm uf'nofsillejl. |
| 20. Il-Ħadd | Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. Sena Ċ / Jum il-Karità. Ġabra Djoċesana fil-knejjes /<br>Ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re u għeluq tas-Sena tal-Ħniena (Kapuċċini - 4.00pm)<br>Jum Universali tat-Tfal (ĠM) / Jum Dinji ta' Tifkira tal-Vittmi tat-Traffiku (ĠM). |
| 21. It-Tnejn | Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (O) / Jum il-Klawstrali. |
| 22. It-Tlieta | Santa Ċeċilja, Verġni u Martri. Tifkira (O). |
| 23. L-Erbgħa | San Kolumbanu Abbati. Tifkira. San Klement I, Papa u Martri.Tifkira. |
| 24. Il-Ħamis | Sant' Andrija Dung Lac, Presbiteru u Sħabu Martri. Tifkira (O).<br>Jum ir-Radd il-Ħajr għall-Ġid tal-Ħolqien / Laqgħa Għalliema Yr.6(LV) / Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 25.Il-Ġimgħa | Santa Katerina ta' Lixandra, Verġni u Martri. Tifkira.<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II). |
| 26. Is-Sibt | Il-11-il Anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex.<br>Nofstanhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.30am).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' San Lawrenz (6.30pm-8.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria – Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl. |
| 27. Il-Ħadd | L-Ewwel Ħadd tal-Avvent. Sena A. |
| 30. L-Erbgħa | Sant'Andrija, Appostlu. Festa. |